**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru, 2022**

**Talba Nru: 122/2020MD**

**Avukat Dottor Melvyn Mifsud (K.I.605761M) bhala mandatarju specjali kif debitament awtorizzat ta' Gianfranco Vento (K.I. 0130328(M), resident 21, Viani Street, Sliema, prezentement imsiefer u ghan-nom, f'isem u in rappresentanza ta' l-istess Gianfranco Vento, u kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' Global Wealth Solutions Limited ta' 3rd Floor, Navi Buildings, Pantar Road, Lija bin-numru tar-registrazzjoni C 62659**

**Vs**

**Mark Ebejer (K.I. 35487M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Gunju, 2020[1] permezz ta' liema l-attur *nomine* talab li l-konvenut jirrifondi u jhallas is-somma ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3,400), bilanc ta' somma akbar imhallsa mill-attur Gianfranco Vento *proprio et* rigward xoghol ta' kostruzzjoni skont ftehim ta' appalt fuq il-proprjeta' numru 21, Viani Street, Sliema, liema depozitu in parte gja gie rifuz mill-konvenut; bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Gunju, 2020 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 9 ta' Novembru, 2021[2] fejn eccepixxa s-segwenti:

Illi primarjament l-esponent konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni u dan ai termini tal-Art 2148 (a) u Art 2149 (a) tal-Kap 16; kif ukoll art 2156 (f) Kap 16; u dan stante illi l-ftehim t'appalt huwa datat 27 ta' Gunju 2015;

Illi, kien l-attur stess illi waqqaf lil konvenut gurnata qabel ma kellu l-konvenut jibda x-xoghol ta' demolizzjoni f'Viani Str, Sliema.

Illi l-konvenut lesta armar, haddiehor sabiex jibda' x-xoghlijiet u kagun illi l-attur Gianfranco Vento waqqfu jum biss qabel tilef xoghlijiet ohra li kellu ma terzi kif ser jintwera b'danni konsiderevoli ghall-istess konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra x-xhieda prodotta.

Ra d-dokumenti li gew esebieti.

Ra s-sottomissjoni tal-intimat.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra li l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni datata 2 ta' Dicembru, 2022.

Ikkunsidra li n-nota ta' cessjoni giet ipprezentata mill-attur li tghid:

> *Li biha qieghed icedi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi u kif ukoll l-atti kollha hemm prezenti, sabiex jirregola ruhu ahjar.*

Ghaldaqstant it-Tribunal jastjeni li jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz odjern stante li l-kawza giet ceduta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

[2] A fol 24 et seq tal-process.